***Laqgħa Pubblika***
***Il-Ġimgħa 29 ta' Mejju, 2009***
***Fl-Uffiċċju tal-Kunsill, fis-7.00p.m.***

## *Minuti tal-Laqgħa*

Preżenti : -

Av. Monica Vella (Sindku)
Sur Joseph Vella (Viċi Sindku)
Sur Hubert Saliba (Kunsillier)

## Uffiċjali:-

Sur Ruben Cassar (Segretarju Eżekuttiv)

Għal-laqgħa kienu mistednin ir-residenti kollha tar-raħal.

Intqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qrat ir-rapport ta' xogħol li sar matul is-sena li għaddiet. Hija spjegat fid-dettal ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill. Is-Sindku semmiet ukoll il-problemi li ltaqa' magħhom il-Kunsill. Rapport tad-diskors kollu tas-Sindku huwa mehmuz ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku tat rendikont ukoll ta' kif ġew mqassma l-flus allokati mill-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2009/2010 kif ukoll tal-pjanijiet tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjien.

Ħadd mir-residenti preżenti ma kellu suġġerimenti jew ilmenti.

Il-Laqgħa spiċċat fis-7.45pm.

Ruben Cassar — Av. Monica Vella

**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

***29.05.2009***

***Rapport tax-Xogħol li sar mill-Kunsill Lokali Xewkija matul is-Sena 2008/09***

Għeżież Xewkin,

Il-Kunsill Lokali Xewkija huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena finanzjarja jiġifieri matul is-sena li bdiet fl-1 ta' April 2008 u tintemm fil-31 ta' Marzu 2009. Tajjeb li l-ewwel insemmu li l-allokazzjoni tal-Kunsill għadha ma laħqitx il-livell tas-sena 2002/03. Fil-fatt minn €253,079.43 (Lm108,647) li ingħata l-Kunsill fis-sena 2002/03, l-allokazzjoni għal din is-sena kienet ta' €248,546 (Lm106,700.80), tnaqqis ta' €4,533.43 (Lm1946.20). Barra dan it-tnaqqis, il-Kunsill huwa marbut bil-liġi biex iħalli bilanċ ta' 5% tal-allokazzjoni tiegħu minn sena għall-oħra. Il-Kunsill mhux eżentat milli jħallas il-VAT (18%) u għalhekk somma sostanzjali mill-allokazzjoni titħallas bħala VAT. Dawn huma kollha żvantaġġi għal dan il-Kunsill li xorta ħadem u stinka għall-ġid tar-raħal tagħna.

Minkejja dan kollu wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-Kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Mad-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika l-Kunsill kellu tlett kuntratti li huma tat-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani, tat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi u tal-Ġbir ta' l-Iskart Goff. Matul din is-sena d-Dipartiment imsemmi ma ġeddedx il-kuntratti dwar tindif ta' toroq mhux urbana u tal-Ġbir ta' Skart Goff. It-tindif tat-toroq mhux urbana issa qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill (tal-IPSL) filwaqt li l-Ġbir ta' Skart Goff qed isir mill-Kuntrattur Joseph Attard. Il-Kunsill jara biex fejn jista' jtejjeb dawn is-servizzi speċjalment fit-tindif tat-toroq mhux urbani.

Il-Kuntratt għal Tindif tat-Toroq Urbani huwa responsabbli minnu l-kuntrattur Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill qed dejjem jistinka biex jara aktar indafa fir-raħal u għalhekk dejjem jieħu l-passi meħtieġa biex jara li l-Kuntrattur jagħmel dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn.

Il-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku jsir mill-Koperattiva Għall-Indafa Pubblika (Għawdex). Il-Kunsill ġieli jirċievi lmenti rigward dan il-Kuntratt, iżda b'sodisfazzjon ngħidu li dawn l-ilmenti jiġu solvuti fi żmien qasir. Għandna wkoll kuntratt ma' Joseph Attard għal tbattil ta' l-Open Skips u servizz ta' ġbir ta' skart goff minn Triq Widnet il-Baħar. Dan is-servizz qed jingħata kull nhar ta' Sibt u jinqdew ir-residenti kollha tax-Xewkija.

L-MSD huma responsabbli minn bdil ta' tabelli tat-traffiku kif ukoll mill-marki tat-traffiku.

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll minn Ġnien il-Kunsill, Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere, il-'Playing Field' ta' Triq Tal-Ħamrija, 'round abouts/'soft areas' u Ġnejnet it-Tfal. Ix-xogħlijiet f'dawn il-ġonna qed isiru mill-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-IPSL. L-istess ħaddiema jagħmlu xogħol ieħor li jkun hemm bżonn li jsir bħal per eżempju l-'patching' tat-toroq. Għalkemm il-Kunsill mhux kuntent bil-'patching' tat-toroq, u jixtieq li jinksew aktar toroq bit-tarmak, kulħadd jifhem li ma tistax ma tippeċċjax ċerta toroq li jkunu fi stat ħażin ħafna.

Fiz-zona mhux urbana il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' livellar ta' toroq bit-torba.

Il-Kunsill għamel diversi bankini ġodda madwar ir-raħal fosthom fi Pjazza San Ġwann Battista fejn hemm il-każin il-ġdid ta' Xewkija Tigers FC.

Il-Kunsill kompla nstalla diversi lampi ġodda madwar ir-raħal. Il-Kunsill jirċievi diversi talbiet biex jiġu nstallati lampi ġodda f'żoni fejn għadhom mudlama. Peress li d-dwal tat-toroq ġew devoluti lill-Kunsilli, il-Kunsill irid jipproċessa u jħallas biex jeħlu dawn il-lampi l-ġodda. Pero ta' min jgħid li lampi ġodda f'toroq arterjali huma responsabbli minnhom il-Ministeru Għal Għawdex u l-ADT. Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tal-bozoz li hawn madwar ir-raħal tagħna. Il-Kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol huwa Richard Cauchi. Il-bozoz li huma mwaħlin ma' arblu jew li jinsabu f'xi triq arterjali għadhom taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz issir mill-Korporazzjoni Enemalta.

Bl-għajnuna tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini, matul is-sajf 2008, fl-istess Wied ta' Mgarr ix-Xini tkompla l-iskavar li kien inbeda fis-snin ta' qabel. Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u tax-Xewkija flimkien ħadmu biex isir 'survey' Arkeoloġiku fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini u kif ukoll ir-raba' fażi ta' l-iskav arkeoloġiku f'Għar ix-Xiħ. Dan ix-xogħol sar bil-koperazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija u l-Istudji Klassiċi fi ħdan l-Universita' ta' Malta u tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Għad baqa' xogħol x'isir dwar dan u li mistenni li jitkompla matul is-sajf 2009.

Il-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied Ta' Mgarr ix-Xini huwa r-Rappreżentant ta' Malta dwar il-programm ta' l-Unjoni Ewropea Cost Action A27. Fil-fatt is-Sindku l-Av. Monica Vella tax-Xewkija u c-Chairman tal-Kumitat Rev. Dr Joseph Bezzina kellhom l-opportunita li jieħdu sehem f'laqgħat ta' dan il-programm barra minn Malta. F'dawn il-laqgħat li għalihom ikunu preżenti l-membri kollha tal-Cost Action A27 minn diversi pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea, is-Sindku u c-Chairman tal-Kumitat għamlu preżentazzjonijiet dwar il-proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini. Il-preżentazzjonijiet intlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk preżenti.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn għar-residenti kollha tax-Xewkija minn żewġ postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill u anke mil-Librerija Pubblika. Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-Librerija Pubblika qed tinżamm miftuħa għal aktar ħin u l-Kunsill qed iħallas għas-servizz tal-Librara.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill qed ifakkar Jum ix-Xewkija billi tiġi organizzata quddiesa, isiru kompetizzjonijiet għall-istudenti ta' l-iskola primarja, ġew organizzati taħdidit interessanti dwar is-saħħa u anke dwar l-ikel. Fil-bidu ta' Novembru ġiet organizzata wkoll il-Bird Show bil-koperazzjoni tal-Gozo Bird Breeders Association. Saru wkoll attivitajiet sportivi fosthom tournament tal-Football Under 10 u ieħor Under 12. Bil-koperazzjoni tal-Kap tal-Iskola Primarja ġiet organizzata fun run li fiha ħadu sehem kemm studenti kif ukoll l-għalliema u ġenituri. Ġie organizzat ukoll il-programm mużikali mill-Banda Prekursur. Waqt l-istess attivita ngħata wkoll il-Premju Ġieħ ix-Xewkija li din is-sena ntrebaħ minn Bennie Mercieca.

Għal darb'oħra ittellgħet il-"Wirja ta' Arti u talent mix-Xewkija", li saret fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali. Din inżammet miftuħa għal ġimgħa u b'sodisfazzjon ngħid li kienu ħafna li żaru din l-esibizzjoni ta' xogħlijiet u arti li ħafna minnhom saru mill-istudenti li attendew diversi korsijiet organizzati mill-Kunsill. Ġiet organizzata dimostrazzjoni dwar is-sigurta kemm fid-djar u anke fuq postijiet tax-xogħol mid-Dipartiment Għall-Protezzjoni Ċivili. Din l-attivita saret għall-istudenti tal-iskola u ġew mistiedna ukoll l-ġenituri. Din is-sena bil-koperazzjoni tal-Health And Safety Division tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġiet organizzata wkoll fire drill, fejn it-tfal flimkien mal-għalliema ġew murija kif jistgħu jevakwaw mill-iskola fl-iqsar ħin possibbli. B'hekk f'eventwalita ta' xi inċident it-tfal ikunu jafu kif għandhom jaġixxu waqt il-ħin ta' paniku kbir.

Il-Kunsill flimkien mal-Iskola Primarja Rosa Magro organizza l-Kampanja 'Clean Up The World' li ġiet organizzata fit-toroq taż-Żona industrijali.

Fi żmien il-Milied 2008 il-Kunsill organizza party għat-tfal kollha mix-Xewkija u li għalih attendew aktar madwar 100 tifel u tifla. Ġiet organizzata ukoll ħarġa għall-anzjani. L-anzjani ttieħdu jaraw diversi presepji madwar Għawdex u wara l-ħarġa kienu mistiedna għall-ikla li saret fl-Arka Foundation fejn ġiet organizzata wkoll it-tombla. Il-Kunsill ħa ħsieb biex għal darb'oħra jagħmel it-tiżjin tal-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista kif ukoll fi Triq il-Knisja.

Fil-jiem tal-Karnival il-Kunsill organizza kompetizzjonijiet għall-aħjar kostumi u karrijiet. Saret l-isfilata bil-karrijiet immexxija minn Banda Prekursur u kienu mistiedna ukoll kumpaniji taż-żfin bil-kostum. Għal darb'oħra ġiet organizzata wkoll il-Kukkanja.

B'koperazzjoni mal-Kummissjoni Attivitajiet Prekursur, il-Kunsill organizza t-Teens Festival f'April 2008. Għal dan il-festival jieħdu sehem fih ħafna żgħażagħ mix-Xewkija kif ukoll minn barra r-raħal. Permezz ta' dan il-festival iż-żgħażagħ tagħna tingħatalhom l-opportunita fejn ikunu jistgħu juru u jkomplu jkabbru t-talenti tagħhom.

Fl-ewwel erba' t'ijiem ta' Mejju f'Għawdex kienet organizzata l-Gozo 1234. Saru diversi attivitajiet madwar ir-raħal tagħna. Saru attivitajiet sportivi kif ukoll kulturali. Ittellgħu diversi wirjiet minn artisti lokali u anke l-Knisja Rotunda u l-Mużew tal-Iskultura nżammu

miftuħa għal ħinijiet itwal mis-soltu u b'hekk setgħu jitgawdew aktar mill-Maltin u turisti li ġew fostna f'dawn il-ġranet.

Il-Kunsill organizza ħarġa għal Malta fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Fl-okkażżjoni ta' Jum l-Missier ittellgħet serata tradizzjonali fejn kien hemm ukoll l-għana. Fl-okkażżjoni tal-festa tar-raħal qed isir Defile taż-żwiemel li sar ferm popolari.

F'Ġunju li għadda l-Kunsill ħa sehem fil-kampanja 34U. Fil-Fatt il-BOV ta ammont ta' siġar lil diversi Kunsilli Lokali biex jitħawlu fil-lokalita tagħhom. Minn naħa tagħna ħawwilna dawn is-siġar madwar ix-Xewkija fosthom fil-Playing Field ta' Triq Ħamrija.

Il-Kunsill organizza wkoll korsijiet matul is-Sajf 2008 dwar il-Parċmina, Basic Arts, Basic Arts Advanced, Art Attack, Flower Arrangements, Clay Modelling, Kompjuter, ECDL, Internet, Ingliż, Franċiż, Matematika, Story Telling, u First Aid.

Fl-okkażżjoni ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras, għall-ewwel darba l-Kunsill organizza l-ħuġġieġa ta' San Ġwann. Din kienet tradizzjoni fix-Xewkija li maż-żmien ma baqetx issir u għalhekk il-Kunsill ħass li għandu jerġa' jagħti ħajja lil din it-tradizzjoni. L-attivita' bdiet b'marc fi Triq Ħamrija u wara sar programm ta' attivitajiet fi Triq Widnet il-Baħar li ntemm billi nxtegħlet il-ħuġġieġa.

Għal darb'oħra organizzajna il-Wirja ta' l-Annimali. Din is-sena l-Wirja tal-annimali saret f'Awwissu bħala parti mill-attivitajiet tal-Festi ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras. Kien hemm kategoriji taż-żwiemel, tan-nagħaġ u tal-mogħoż u anke ta' l-għoġġiela. Għat-tieni sena konsekuttiva, ġiet organizzata wkoll il-wirja tal-klieb. Nirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex din l-attivita' setgħet issir speċjalment lill-isponsors li għenu biex din il-wirja tkun tista' ssir bla ma tkun ta' piż finanzjarju għall-Kunsill.

Nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 2008 il-Kunsilli Lokali tax-Xewkija flimkien mal-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex irratifikaw il-Karta ta' Aalborg (Aalborg Charter). Iċ-ċerimonja saret fiċ-Ċentru ta' l-Arti ċ-Ċittadella, fil-preżenza tal-Ministru Għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono u tas-Segretarju Parlamentari Għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Dr Chris Said.

Il-Karta ta' Aalborg tissejjaħ hekk peress li kien proprju f'din il-Belt ġewwa d-Danimarka li saret l-ewwel konferenza fejn nibtet l-idea li ikun hawn lokalitajiet sostenibbli. Il-ftehim sar l-ewwel darba fl-1994 u minn dak in-nhar 'l hawn numru kbir ta' lokalitajiet iffirmawh. Fil-fatt, il-Karta ta' Aalborg ġiet iffirmata minn aktar minn elfejn lokalita' u reġjuni differenti, issa inkluż r-reġjun ta' Għawdex. Il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex permezz ta' dan il-ftehim intrabtu li jaħdmu favur żvilupp sostenibbli bħala reġjun.

Fil-bidu ta' Diċembru tas-sena 2008 saru ċelebrazzjonijiet f'Malta u Għawdex biex ifakkru l-15 l-Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ngħaqad mal-kumplament tal-Kunsilli Lokali kollha u ħa sehem f'dawn l-attivitajiet. L-attivitajiet

kienu kkordinati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Ta' min isemmi li din kienet l-ewwel sena ta' ħidma ta' dan is-Sitt Kunsill Lokali fix-Xewkija li ġie elett f'Marzu tas-sena l-oħra. Il-Kunsill kompla jibni fuq ix-xogħol li sar mill-Kunsill preċedenti għal ġid tar-raħal tagħna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera ta' l-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

Av. Monica Vella
Sindku